IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum il-Hamis 15 t'Ottubru, 2026

Rikors numru: BCT/58/2026

Membri:

Avukat Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.

Perit Robert Sarsero BE&A(Hons), A&CE

Ing. Anthony Camilleri B.Mech.Eng (Hons), FVCM (Hons) L. (Mus.) V.C.M. (Hons.), A. (Mus.) L.S.M.

Joseph Abela

vs

Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

It-Tribunal,

Ra r-rikors tal-appell ta' Joseph Abela fejn giet ikkontestata d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 20 ta' Lulju, 2026 li permezz taghha l-istess Awtorita` imponiet penali amministrattiva fl-ammont ta' mija u hamsin euro (€150) in vista ta' ksur tal-Legislazzjoni Sussidjarja 623.08 stante "*Nuqqas ta' Tabella tal-Avvizi*". Permezz ta' tali appell, fir-rigward ta' din id-decizjoni, l-appellanti ikkontenda s-segwenti:

> *Firstly, with regard to the BCA notice, I am new to the contruction proces and was unaware that it had be affixed by the contractor. Upon speaking with my Perit, I was immediately guided on the correct procedure, and the necessary notices wwre affixed without delay. This was an honest oversight on my part and was rectified as soon as I became aware of the requirement.*

Ra r-risposta tal-Awtorita' appellata li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma' dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*

2. *Illi mill-appell intavolat ex-admissis l-appellanti jikkonferma li kien hemm dak il-ksur li gie evidenzjat mill-Awtorita` u kwindi l-Awtorita` kienet korretta meta imponiet l-penali amministrattiva.*

3. *Ghaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita` appellata qiegheda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex jichad l-appell odjern.*

4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-affidavit ta' Cedric Zammit u sema'x-xhieda tal-appellanti kemm waqt is-seduta tat-3 t' Awwissu, 2026 u kif ukoll fil-10 ta' Settembru, 2026.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluqa waqt is-seduta tal-10 ta' Settembru, 2026 meta l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Ikkunsidra

Jirrizulta li l-Awtorita` qed takkuza lill-appellant b'nuqqas ta' tabella tal-avvizi fuq is-sit.

Mill-aspett prettament legali, l-Ewwel Skeda tal-istess Legislazzjoni Sussidjarja tipprovdi testwalment:

> *1. Tliet (3) ġimgħat qabel ma jibda kwalunkwe xogħol li jieħu aktar minn erba' (4) ġimgħat sabiex jitlesta, il-klijent għandu jassigura li tiġi mtella' tabella ta' avviżi permanenti tal-qis A2 mal-ħajt li jikkonfina t-triq tas-sit, kif*

speċifikat hawn taħt, li fuqha għandu jiġi affissat u protett b'mod xieraq mill-elementi naturali n-numru tal-permess tal-iżvilupp, id-dettalji tal-klijent, tal-manager tas-sit, tal-Perit responsabbli u l-kuntrattur jew kuntratturi nkluż in-numru tat-telefon tagħhom. Mudell ta' din it-tabella jista' jitniżżel mis-sit elettroniku tal-Awtorità. Id-dettalji fuq it-tabella tal-avviż għandhom ikunu leġibbli mil-livell tat-triq bid-daqs minimu tat-tipa ta' mitt (100) punt. L-istess tabella tal-avviż għandha tinżamm f'kondizzjoni tajba il-ħin kollu sakemm ix-xogħlijiet fuq is-sit jiġu kompluti jew sa dak il-perjodu li l-Awtorità jidhrilha xieraq. Tali tabella għandha wkoll tinkludi fiha:

(a) id-data tal-bidu tax-xogħlijiet; u

(b) in-numru tal-kuntatt. (...).

F'dan ir-rigward l-ufficjal tal-Awtorita` xehed billi kkonferma t-Trail of Events fejn stqarr: *On site we called the site manager Joseph Abela and instructions were given to clean the site vicinity, to affix site notice and informed him regard the complaint and that works were not allowed on Sundays.*

Da parti tieghu l-appellanti kkonferma n-nuqqas ravvizat mill-Awtorita`:

Fir-rigward tat-tabelli, dawn ma kenux imwahhlin peress illi suppost il-kuntrattur kellu iwahhalhom hu. Nghid illi ilna minn Jannar nahdmu fuq il-post imma qatt ma twahhlu. Nghid pero` illi mbaghad wahhalthom jien ezatt kif ircevejt id-decizjoni tal-BCA. (xhieda moghtija fit-3 t' Awwissu, 2026)

It-Tribunal isib li din ix-xhieda u wkoll l-aggravju kif interpost jikkostitwixxu essenzjalment ammissjoni tal-akkuza kif dedotta kontra l-appellanti. Kif diga` dan it-Tribunal, anke kif presjedut, kellu l-opportunita` li jfisser, in-nuqqas t'gharfien ta' dak li tghid il-ligi ma jiggustifikax il-ksur taghha.

It-Tribunal jinnota wkoll li f'dan il-kaz l-Awtorita` imponiet il-penali minima skont id-Disa' Skeda tal-LS623.08.

Decide

Għaldaqstant it-Tribunal, in vista tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, qiegħed jichad dan l-appell u jikkonferma d-decizjoni datata 20 ta' Lulju, 2026 hawn fuq imsemmija.

Dr Philip M. Magri	**Perit Robert Sarsero**	**Ing. Anthony Camilleri**
Chairperson	Membru	Membru